TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 110/19/F

**Antoinette Spiteri**

**vs**

**Calbros Bathrooms Ltd.**

Illum, 28 ta' Jannar, 2020

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 t'Awwissu, 2019 fejn ir-rikorrenti talbet danni seba' mija, u tmienja u sebgħin Ewro (€778), rappreżentanti grif li sar fuq il-madum wara li nxtara xi sena ilu.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta,

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat kamra tal-banju mingħand id-ditta intimata u kif ġie ddikjarat, wara xi sena kien hemm diversi difetti fil-madum, fis-sens illi ħarġu xi grif li ma kinux hemm meta nxtara.

L-intimat issottometta li dak huwa *wear & tear*, u li meta ġie mibjugħ kien tajjeb u ma kienx hemm l-ebda difett.

It-Tribunal, jinnota illi jekk madum huwa tajjeb, dawn it-tip ta' difetti ma joħorġux, pero' jibqa' l-fatt illi dan ġara sena wara li kien inxtara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti nofs l-ispejjeż, jiġifieri tliet mija, u disgħa u tmenin Ewro (€389), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888